# Ir-Restawr tas-Santwarju

*minn Alfred Vella*

Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa huwa patrimonju li rridu ngħożżuh ħafna. Għandu tifsira kbira għal min iħobb l-istorja. Iżda, għalina bħala Kattoliċi, bit-twemmin f'Alla u bil-fiduċja li għandna fil-Madonna, Omm Alla, is-santwarju għandu tifsira ikbar. Dik l-immaġini tal-Verġni Mbierka fuq il-blat, qajmet ħafna kurżità. Dik li naraw illum diġa' hija kkunsidrata bħala affrisk tat-tnax-il seklu. Hemm storiċi, bħal Patri Ugolino Gatt, li jagħtuha data eqdem minħabba xebħ ma' dawk li nstabu fil-katakombi ta' l-ewwel insara. Imbagħad hemm dik ir-rabta li ġenerazzjonijiet laħqu tawha ma' San Luqa. Is-Santwarju matul iż-żmien dejjem kien f'għajnejn l-Awtorità tal-Knisja billi raw il-post bħala marbut ħafna mal-miġja ta' San Pawl. Huwa l-eqdem santwarju f'Malta. Fiċ-Ċentinarju Pawlin kellna ħafna żjarat minn Kardinali u Isqfijiet u anke ċċelebraw okkażjonijiet reliġjużi minħabba Santwarju Pawlin li għandna fostna.

Hawn ħafna kappelli mxerrda fil-kampanja li ilhom hemm is-snin u b'danakollu, l-ebda waħda ma ħadet daqshekk importanza daqs dan is-Santwarju. Id-devozzjoni lejn ix-xbiha tidher li hi antika u minn dak li sar f'dik li hi struttura, kwadri tal-wegħdi u arranġamenti, kollox juri li l-Madonna tal-Mellieħa kienet f'moħħ il-Maltin. Fik Temgħu Missirijietna, Temgħu u Inti Ħlisthom, fl-Ark, miktuba fl-1719 kienet espressjoni tas-soċjetà Maltija li nbniet maż-żmien. L-istorja tal-pellegrinaġġi, fl-aktar żminijiet kruċjali li niesna għaddew minnhom, tikkonferma ħafna dan.

Għandna nqisuna ffortunati li għandna santwarju, li qiegħed fil-parroċċa tagħna, li jgawdi daqshekk prestiġju reliġjuż u storiku. Il-Mellieħi japprezza żgur iż-żjajjar li jsiru minn mijiet ta' turisti kif ukoll minn Maltin, iktar u iktar meta jaraw espressjoni ta' qima lejn ix-xbiha tal-Madonna. L-istess qima, l-istess twemmin iserrħek ħafna fil-komunikazzjoni ma' bnedmin oħra. Naturalment hemm obbligu marbut max-xorti tajba li jrid jissarraf b'ħajja li tkun xhieda tat-twemmin tagħna u b'interess li nżommu kollox f'postu u f'waqtu. Iż-żamma tal-post għandha l-importanza tagħha. Żgur li kien hemm pressjoni fuq kull kappillan biex is-Santwarju ikollu sura tajba li tixraq skond iż-żmien li konna fih. Fl-antik kienu l-Isqfijiet li jordnaw ir-restawr tax-xbiha u ta' l-Isqfijiet. U kellek Gran Mastri li taw rigali u ħallew il-Wied tal-Madonna a benefiċċju ta' dawk li jkunu jieħdu ħsieb is-Santwarju.

Illum qegħdin fi żmien meta r-restawr f'Malta huwa kkunsidrat bħala xogħol ta' professjoni li l-pajjiż għandu bżonn biex insalvaw dak il-patrimonju li jagħmilna sinjuri. Pajjiżi kbar għandhom mużewijiet meraviljużi, iżda dak li għandna aħna huma m'għandhomx. Il-Providenza ttella' x-xemx għal kulħadd, iżda dak li jkollok trid tikkurah u tieħu ħsiebu. Għalkemm fiċ-ċokon iżda sabiħ. U s-santwarju bil-kumpless tiegħu ħadna ħsiebu fil-ħafna aspetti tiegħu. Sibna il-bniedem li ħabb il-post u beda jara kif tista' ssir biċċa xogħol sħiħa li tagħti dehra li tissodisfa lil kull min iżuru. L-iskultur Leli Cini li ilu li beda bix-xogħol fiż-żewġ knejjes mis-sebgħinijiet flimkien ma' missieru, Carmelo, issa kien taħa għal dawk li huma ħtiġijiet fiż-żewġ knejjes. Ridna ħafna naħsbu kif sa noħolqu ċerta kumdità u Leli sab irkaptu ta' ħafna problemi fiż-żewġ knejjes. Iżda mbagħad kien hemm dak ix-xogħol ta' restawr li jweġġa' moħħ kull kappillan billi din il-kwalità ta'



*Leli Cini waqt ix-xogħol ta' restawr.*

proġetti mhumiex meqjusa opri li jlellxu. Huwa xogħol ta' konservazzjoni li, ġeneralment, ma jħajjarx benefatturi, għalkemm żgur li kien hemm min għen u offra għajnuna b'ħafna modi biex il-biċċa tirnexxi. Ma' Leli nġabar grupp ta' nies li ħadmu flimkien biex joħorġu l-aħjar riżultati.

Min segwa "Il-Mellieħa", jaf x'sar f'dan ir-restawr. Tidħol fil-bitħa tas-Santwarju fil-għaxija fit-tard u l-ambjent iħennik. Tħossu kwiet u jtik li ssellem lill-Madonna b'Ave Maria. Iżda trid tiftakar x'kien hemm xogħol biex ingawdu kumpless daqshekk sabiħ. Mhux kull xogħol ikun aċċettat fil-bidu. Il-ħajt qajjem kontroversja, iżda la darba sar, dak li jkun jara l-benefiċċju tiegħu. Għal kull proġett hemm dik ir-reazzjoni minn preġudizzju għal dak li hu ġdid, minn min ikollu interess, minn min ikollu alternattiva, minn min ma jħarisx fil-bogħod, u minn min jara l-ispiża. Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, miskin min ikollu jieħu d-deċiżjoni. Konsultazzjoni ma' esperti fil-qasam tagħhom teħilsek iżda hemm ċertu martirju fil-proġetti li jsiru. Meta l-ħajt tela', meta l-ark ġie restawrat, meta sar dak ix-xogħol kollu ta' tiswija f'dawk il-loġoġ u fil-kampnar, meta tpoġġa l-madum fis-sagrestija u n-naħa ta' wara tas-santwarju, bdejna nħossu u naraw is-sabiħ ta' biċċa xogħol sħiħa. Hemm dik il-kura tal-kwadri tal-wegħdi kif ġew esebiti b'mod tajjeb. Konna sibna tarf nikkonservawhom u issa stajna noħolqu xi ħaġa aħjar



*Waqt ix-xogħol ta' restawr fuq l-Ark.*

għalihom. Il-ħsieb li jkunu miġbura minn Jimmy Muscat ġo ktieb, huwa tajjeb ħafna biex ikunu rrekordjati għal ta' warajna. Sa jservi ukoll għal min irid isegwi kull kwadru waqt li jkun fis-sagristija. Michael Muscat, li naraw f'kemm-il okkażjoni, ħa r-ritratti ta' dawn il-kwadri.

Meta jkun inbeda xogħol dejjem jitqanqal xogħol ieħor. Irridu niftakru li fis-santwarju kien hemm anke problema ta' l-ilma tax-xita li kien jinżel fis-santwarju. Instab tarf tiegħu. L-istess xogħol li jsir ġewwa iġiegħel lill-istess inkarigat biex jipproteġih u ma jħallihx jerġa' jiġi għal li kien. L-iskultur mhux se jaħmel jara l-iskultura tiegħu tiġi fix-xejn minħabba li l-bjut mhumiex kapaċi jirreżistu l-ilma. Barra dan, ix-xogħol ta' restawr jaf iwasslek biex tagħmel sejbiet interessanti bħal meta instabet mina fil-Madonna ta' l-Għar li kienet magħluqa bil-ġebel - mina marbuta mal-leġġenda tas-seba' xebbiet li ntilfu fiha. Hemm ukoll dik is-sistema kif kienet maħsuba biex mill-bir tal-ġardin tal-kappillan kienet iżżomm funtana ttajjar l-ilma. Mario de Vasi, merkant ta' l-inbid, devot tal-Madonna kien iddedika somma ta' flus ġmielħa biex bena dar għall-kappillan, bħala parti mill-kumpless tas-Santwarju, barra li ħallas għal xi alterazzjonijiet fl-istruttura tal-kappella u fost oħrajn, il-kamra fil-blat li sservi bħala sagrestija. Kien fl-1644 li dan Mario de Vasi ħaseb għat-taraġ tal-Madonna ta' l-Għar. Ir-restawr kompla qajjem ħafna kurżita dwar il-post.

Dan il-kumpless tas-Santwarju ma kienx qiegħed jidher fl-aħjar tiegħu qabel ma nqata' għal kollox it-traffiku li kien jgħaddi minnu u jsir il-proġett li kien għamel il-Gvern fl-1988. Il-Gvern beda jirraġuna li patrimonju bħal dak hu ta' Malta kollha, u hekk kien jistħoqqlu attenzjoni min-naħa tal-Gvern biex isir xogħol li ġie jiswa ħafna. Kellu jiġi mbagħad il-Papa Ġwanni Pawlu II f'Mejju ta' l-1990 biex narawh fis-Santwarju jitlob quddiem ix-xbieha, jħalli dawl dejjem jagħti bħala talba kontinwa u fl-aħħar kixef monument iddedikat għalih. Kellna narawh f'din il-bitħa tas-Santwarju fil-bidu tar-restawr tagħha, iżda li diġa' kien taħa dehra mill-isbaħ, ikellem il-ġenituri tal-missjunarji Maltin li għandna jservu barra minn pajjiżna.

F'din l-aħħar sena kompla jsir restawr min-naħa tal-Gvern b'kollaborazzjoni mal-Knisja,

tan-naħa ta' barra tal-blokk ta' kmamar li sar sewwa ħafna. Ħa dehra sabiħa ħafna b'dawk il-bibien li verament jixirqu. Itik li tirringrazzja ħafna lil min sista mal-Gvern biex dan ir-restawr seta' jseħħ. Naturalment, min kien, kellu jikkonvinċi lill-awtoritajiet biex post hekk storiku ma jiġix fix-xejn. Ma nafx konniex nistgħu nifilħu għalih. Li l-parroċċa tat sehemha għaż-żewġ knejjes u l-bitħa, żgur li għen ħafna biex il-Gvern ikompli juri l-interess tiegħu fir-restawr li kien hemm bżonn isir fuq in-naħa ta' barra tal-kmamar. Ma tridx tistenna li kulħadd għandu xi obbligu lejk bla ma turi li int lest ukoll tagħmel il-parti tiegħek. Għin lilek innifsek biex Alla jgħinek, inħobbu ngħidu.


*Il-Bitħa tas-Santwarju.*

Nies il-parroċċa fehmu ħafna li jridu jgħinu bl-għotjiet li offrew biex ix-xogħol jitkompla. Fil-knejjes jgħidulek li ġieli tara l-ħsara u bil-kemm tkun taf minn fejn sa tibda. Il-fatt li bdejna nsolvu, u solvejna ħafna, għandu jagħmlilna kuraġġ. Mill-mod kif inżommu ż-żewġ knejjes nistgħu nagħtu impressjoni li tissodisfa f'kemm-il aspett.